MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 51/2004/1

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) hekk kif surrogata, sija bil-polza ta' assigurazzjoni sija bil-ligi, fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha l-Ministru ghall-Edukazzjoni**

**vs**

**Mariella Geres**
**maghrufa wkoll bhala Marie Ella Chircop St. John**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Jannar tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef sebgha u ghoxrin Lira Maltija u erbatax – il centezmu, (LM4,027.14,0), liema somma tirrapprezenta danni sofferti mill-assigurat ta' l-attrici hawn fuq indikata, u li ghalihom kellha taghmel tajjeb l-istess socjeta' attrici, in konnessjoni ma' incident stradali li sehh fit-tlieta, (3), ta' Frar, tas-sena 2002, fi Triq M.A. Vassalli, Gzira, bejn il-vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni GAN – 453 assigurata mas-socjeta' attrici b'"comprehensive insurance policy" u l-vettura tal-marka Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni BAE – 694 misjuqa mill-konvenuta;

2. Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficcjali datata tlettax, (13), ta' Novembru tas-sena 2003 u l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment fil-konfront ta' l-assigurazzjoni tal-konvenuta ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata l-11 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi hi ma tahtix ghall-incident de quo u ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati ill-atturi;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati huma kontestati;

3. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghaxija, (6:00p.m.), tat-3 ta' Frar tas-sena 2002 jirrizulta li sehh incident awtomobilistiku fi Triq Mikiel Anton Vassalli, l-Gzira;

2. Illi f'dan l-incident kienu nvoluti l-vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni GAN – 453 misjuqa minn Joseph Catania u l-vettura tal-marka Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni BAE – 694 misjuqa mill-konvenuta Mariella Geres maghrufa wkoll bhala Marie Ella Chircop St. John;

3. Illi jirrizulta li kull ma jaf l-assigurat tas-socjeta' attrici hu li waqt li kien qed isuq fil-karreggjata interna tat-triq fuq indikata ra l-vettura misjuqa mill-konvenuta gejja ghal fuqu "… f'daqqa wahda qisha sajjetta …", (ara fol 18);

4. Illi din il-verzjoni hi wkoll dik moghtija lill-ufficcjal tal-pulizija fl-ewwel mumenti wara li sehh l-incident de quo, (ara fol 16);

5. Illi effettivament jirrizulta ghalhekk li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet qed tigi misjuqa fid-direzzjoni opposta ta' l-imsemmija triq u ghalhekk din, wara li qabzet ic-"centre strip", dahlet fil-vettura l-ohra involuta fl-istess incident;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante s-suespost, il-fatti li taw lok ghal din il-procedura jirrizultaw li huma aktar sofistikati senjatament:

1. Illi l-konvenuta ssostni li hi kienet qed issuq fi triqtha min-nizla ta’ hdejn l-isptar St. philip fid-direzzjoni lejn San Giljan;

2. Illi filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq ghall-affari taghha innotat vann tat-tip Subaru ta’ kulur ahdar, u dan innnotatu stante li beda jdoqqilha l-“horn” u jxejrilha’

3. Illi ghar-raguni li tat fid-depozizzjoni guramentata taghha, l-konvenuta daqqitlu l-“horn” u xejritlu wkoll;

4. Illi sussegwentement innotat ukoll li dan il-vann “… beda jizigzagja tul it-triq u jaghmel l-istess haga li ghamel lili cioe, ipaqpqilhom u jxejrilhom u ghalhekk tlift l-interess fih”, (ara fol 35);

5. Illi l-konvenuta ssostni li baqghet issuq fil-karreggjata esterna b’velocita’ normali;

6. Illi nnotat li s-sewqan tal-vann de quo ma kien xejn regolari stante li l-istess sewwieq “ … beda johrog idejh barra u jxejjer lin-nies u beda jdoqq il-“horn” ukoll”, (ara fol 35);

7. Illi meta l-konvenuta waslet hdejn l-istatwa tal-Madonna li hemm fit-triq fejn sehh l-incident l-imsemmi vann ghamel manuvra biex jghaddi minn bejn il-vettura tal-konvenuta u vettura ohra li kienet fil-karreggjata l-ohra miexja parallellement maghha, u konsegwenza ta’ l-istess “ … lili laqatni in-naha tax-xellug tal-vettura tieghi fuq quddiem, ir-rota tal-lemin tieghi b’konsegwenza ta’ dan laqtet lis-“central strip” u tlift il-kontroll. Rizultat ta’ dan il-karozza tieghi inqalbet tlett darbiet u spiccat in-naha l-ohra tat-triq cioe, il-parti tat-triq li taghti fid-direzzjoni lejn il-Belt,” (ara fol 36);

8. Illi effettivament b’rizultat ta’ dan il-konvenuta intilfet minn sensiha;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti minn analizi tal-kopji ta’ ritratti pprezentati mill-konvenuta tal-vettura taghha wara l-istess incident jirrizulta li effettivament jidhru l-marki taz-zebgha ta’ kulur hadrani fuq il-“mudguard” tax-xellug tal-vettura;

Illi dan il-fatt jikkorrabora l-verzjoni tal-konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici ghad-danni minnha sofferti ghandu jinghad li dawn id-danni gew kollha regolarment ippruvati permezz tad-dokumenti minnha pprezentati;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess, fil-meritu, dil-qorti m’ghandhiex ragunijiet ghalfejn tiddubita mill-veradicita’ tal-verzjoni kif postulata mill-konvenuta;

Illi sintetikament ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenuta ma kienitx il-persuna li originat, ikkawzat jew tat bidu ghall-incident in dizamina anzi, jirrizulta abbundantement assodat u dan permezz taz-zebgha estranea li tidher fuq il-“mudgard” tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta, li bhall-assigurat tas-socjeta’ attrici, din il-konvenuta kienet vittma hija wkoll tas-sewqan skonsiderat, irresponsabbli u addirittura perikoluz ta’ dan it-terz injot;

Illi ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, tiddikjara li l-konvenuta Mariella Geres maghrufa wkoll bhala Marie Ella Chircop St. John m’hix responsabbli ghall-incident in dizamina u konsegwentement tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.”

Is-socjeta` attrici appellat minn din id-decizjoni u talbet it-thassir taghha bl-aggravju baziku illi l-ewwel Qorti rragunat b’ mod ghal kollox zbaljat dwar il-fatti tal-kaz u tal-principji ta’ dritt in materja tar-responsabilita` stradali;

Minn ezami tas-sentenza appellata huwa evidenti illi l-ewwel Qorti emmnet il-versjoni tal-konvenuta appellata li l-event dannuz sehh bi htija ta' sewqan irresponsabbli u perikoluz ta' terz mhux maghruf li laqat il-vettura tal-konvenuta qabel ma sehh l-akkadut. Jidher li dik il-Qorti waslet ghal din id-deduzzjoni taghha mill-konstatazzjoni u interpretazzjoni taghha tal-kopji tar-ritratti esebiti mill-konvenuta minn fol. 62 sa fol. 64. Dan fejn hi tikkummenta li osservat minnhom marki taz-zebgha ta' lewn hadrani fuq il-*mudguard* tal-parti ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta;

Bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti ma tistax leggerment taccetta din id-deduzzjoni u konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Dan ghar-raguni illi d-difiza tat-terz injot ma kellhiex, u ma setghetx, teskludi l-apprezzament xieraq li kellu jsir ukoll dwar il-kondotta fis-sewqan tal-konvenuta nnifisha, senjatament l-ezami biex jigi determinat jekk din minn naha taghha uniformatx ruhha ghan-normi stradali u, fuq kollox, ir-regola tal-prudenza komuni;

Essenzjalment, il-versjoni offruta mill-appellata tikkonsisti fl-asserzjoni li hi kienet affrontata minn avveniment improvviz minn konducent terz li skontra mal-vettura taghha u wassal ghal habta tal-vettura misjuqa minnha ma' karozza ohra assigurata mas-socjeta` attrici. L-ewwel Qorti, kif gja nghad, accettat din il-versjoni bhala prova liberatorja mir-responsabilita` tal-konvenuta in kwantu, kif jidher li hu l-kaz, irragunat li kien hemm dak l-"accident" jew kaz fortuwitu li jsemmi l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili u li, b' rizultat, jeskulpa lill-konvenuta mir-responsabilita` ghad-danni;

Issa kif inhu rikonoxxut minn gurisprudenza assodata mhux kull sitwazzjoni tintegra ruhha l-karattru proprju ta' l-"accident" jew tal-kaz fortuwitu, b' tali mod li jivvestiha bl-elementi ta' l-eccezzjonalita` u ta' l-imprevedibilita`. Hekk

jinsab pacifikament akkolt illi "*quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa e il quasi delitto*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 172**). Proprju in tema ghac-cirkolazzjoni stradali hu ben maghruf l-insenjament li "min isuq karozza hu obbligat juza dawk il-mezzi kollha biex jigu evitati l-konsegwenzi ta' sewqan hazin ta' haddiehor, u jekk ma jaghmelx hekk, jidhol ukoll responsabbli ghad-danni" ("**Il-Pulizija -vs- Arthur Naudi**", Appell Kriminali, 31 ta' Lulju 1939 riportata a **Vol. XXX P IV p 625**);

Jokkorri ghalhekk li jigu skrutinati sew il-provi attendibbli biex jigi stabbilit jekk l-imgieba fis-sewqan tal-konvenuta hijiex verament, kif sostniet l-ewwel Qorti, ezenti minn kolpa;

Jigi l-ewwelnett osservat in linea ta' principju generali illi "*driver* ta' karozza ghandu innegabilment fost ohrajn zewg doveri: wiehed dak li jzomm *a proper look out* ghal vejikoli, *pedestrians* u *road users* ohra; u l-iehor dak tal-*proper control* illi waqt is-sewqan hu jkun f' posizzjoni tali li jkollu f' kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu" – "**Il-Pulizija -vs- Anthony Spiteri**", Appell Kriminali, 21 ta' Mejju 1960 (**Kollez. Vol. XLIV P IV p 892**);

Affermat dan il-principju, li din il-Qorti tirritjeni ta' importanza mhux traskurabbli fir-regolament tar-responsabilita` ghad-danni kagunati mic-cirkolazzjoni tal-vejikoli, hemm bzonn li ssir indagini jekk fil-kaz in ezami kienx hemm da parti tal-konvenuta ottemperanza mieghu. Il-Qorti ser tikkwota *verbatim* dak li xehdet il-konvenuta wara li kienet osservat is-sewwieq injot ipaqpaq, ixejjer u jserrep il-vettura tieghu:-

1. "Jien kont qed insuq fil-karregjata tal-lemin cioe fil-*fast lane* b' velocita` normali, xejn partikolari ...";

2. Biex issorpasaha, is-sewwieq mhux maghruf ghadda bejnha u karozza ohra li kienet fuq l-i*slow lane*. "Ir-rizultat tal-manuvra li ghamel dan ... lili laqatni n-naha tax-xellug tieghi fuq quddiem, ir-rota tal-lemin tieghi b' konsegwenza ta' dan laqtet is-*central strip* u tlift il-kontroll. Rizultat ta' dan il-karozza tieghi nqalbet tliet darbiet u spiccat in-naha l-ohra tat-triq, cjoe il-parti li taghti fid-direzzjoni lejn il-Belt";

3. "Is-*central strip* ma kienetx gholja. Kienet harira inqas minn bankina";

4. "Traffiku fit-triq kien hemm pero` fil-parti fejn sar l-incident ma stajtx inkun ghaddejja bil-mod hafna biex ilqatt is-*central strip* u nqlibt";

5. "Li niftakar hu li ma' l-impatt ma' dan il-van ta' kulur ahdar stramb tant kienet impatt kbira li l-i*steering* tlaqtu minn idi u mbaghad hbatt mas-*central strip* u smjat hoss stramb tar-rota qed iddur fil-vojt";

Fil-hsieb tal-Qorti l-kwadru ta' dawn id-dikjarazzjonijiet u stqarrijiet jaghti hjiel qawwi, u allura piz u valur bosta, mhux biss ghax jaghti indikazzjoni tal-velocita` tal-vettura taghha qabel l-allegat skontru mat-terz injot imma jindikaw ukoll li hi ma kellhiex il-hin kollu kontroll tal-vettura misjuqa minnha. Hu bil-wisq evidenti li kienet din il-velocita` zejda li qeghdha fl-impossibilita` li tikkontrolla l-vettura li kienet qed issuq bi *speed* mhux adegwat. Certament, ic-cirkostanzi kif rakkontati minnha u li fihom hi tghid li fihom sabet ruhha jiddettawlha li hi kellha tippresta aktar attenzjoni u prudenza akbar fis-sewqan taghha, oltre li tezercita` dik id-diligenza ordinarja billi okkorrendo tirrallenta l-i*speed*, jekk xejn, biex ikollha kontroll ahjar tal-vettura taghha. Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu fuq l-istess ammissjoni tal-konvenuta, akkoppjat mad-dinamika ta' l-incident – impatt mac-*centre strip*, ir-romblar tal-vettura taghha ghal tliet darbiet, u l-mod kif il-vettura taghha sparat "qisha sajjetta" fuq il-vettura misjuqa minn Joseph Catania n-naha l-ohra tat-triq (ara deposizzjoni ta' dan a fol. 18) – huma kollha indikaturi *res ipsa loquitur* ta' sewqan imprudenti. Din il-Qorti gja kellha okkazjoni tirrimarka li "l-i*speed*, meta jkun eccessiv, jinnewtralizza dak il-*margin of safety* tant necessarju ghal kull

emergenza li tista' tinqala" ("**Angelo Vella -vs- Paul Mompalao**", Appell Inferjuri – Ghawdex, 16 ta' Settembru 2004). Dan kollu, ghal din il-Qorti, igib li l-velocita` zejda u telfien ta' kontroll kienu l-veri ness ta' kawzalita` bejn il-kondotta fis-sewqan ta' l-appellata u l-event dannuz. Dan biex ma jinghadx ukoll li din il-Qorti ghandha suspetti serji dwar id-difiza sollevata tat-terz injot. Jekk wiehed joqghod ghal dak mistqarr mill-konvenuta l-impatt mal-vettura taghha minn dan it-terz mhux maghruf ma kienetx wahda zbrixx izda impatt "kbira" indikattiva ta' daqqa qawwija. Dan certament mhux suffragat minn ebda kopja tar-ritratti esebiti. Ritratti dawn li skond il-konvenuti ttiehdu minn *surveyor* li ma giex lanqas prodott biex jikkonfermahom;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet fuq il-fatti probatorji, l-appellata tigi skoperta minn kull forma ta' eccezzjoni difensjonali fir-rigward ta' htija ghas-sinistru. Fil-verita`, kif taraha din il-Qorti, ma kellu jkun hemm ebda diffikolta fl-individwazzjoni ezatta tar-responsabilita` ghall-incident fil-fattispeci partikulari u c-cirkustanzi kollha tieghu. Similment, l-ewwel Qorti ma kellu jkollu ebda diffikolta fl-applikazzjoni tal-kuncett stabbilit f' gurisprudenza kostanti ghal dak li jirrigwarda l-punt tad-dritt. Dan ghaliex fir-rigward tat-terz injot bhala eccezzjoni jinsab ritenut illi "kieku stess jitqies pruvat li kien hemm in-negligenza ta' terz injot u li kkonkorriet man-negligenza ta' l-istess konvenut biex jigi kawzat l-incident, il-konkluzjoni ma kellhiex tkun illi, fil-konfront ta' l-atturi, il-konvenut jitqies responsabbli f' parti biss. F' kaz bhal dan l-atturi ghandhom dritt jikkonsegwu d-danni kollha minghand il-konvenut salv talvolta lil dan, id-dritt li jindennizza ruhu, jekk jista' minghand it-terz ghall-parti tieghu ghall-htija". ("**Victor Camilleri *proprio et nomine* -vs- Nazzareno Spiteri**", Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1968). "Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza" ("**Anthony Fenech *nomine* -vs- Paul Gauci**", Prim' Awla, 21 ta' Frar 1994; "**Dr. Louis Bianchi *nomine* -vs- Richard Zahra**", Appell Civili, 12 ta' April 1999). Hu l-kaz li anke fuq din il-bazi tigi mwarrba s-

sentenza appellata. Kwantu ghall-ammont tad-danni dan jidherx li gie mill-konvenuta sodisfacentement ikkontestat.

Ghal dawn il-motivi ta’ fatt u ta’ dritt l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. Konsegwentement il-Qorti qed tilqa’ t-talba kif dedotta fl-avviz u b’ hekk tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, in linea ta’ danni ghall-incidenti awtomobilistiku tat-3 ta’ Frar 2002, is-somma ta’ erbat elef sebgha u ghoxrin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm4027.17,0), bl-interessi dekorribbli mid-data tan-notifika ta’ l-avviz (4 ta’ Frar 2004). L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------